Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,787, 18 ta' Frar, 2022

Taqsima B

A.L. 88 tal-2022

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx) (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx) (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Skema ta' Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 545.27.

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem:

"Ir-rata determinata li tkun is-sostitut tal-prezz tas-suq għas-sena 2021 għandha tkun ta':

(a) mill-1 ta' Jannar 2021 sat-30 ta' Ġunju 2021 ta' seba' ċenteżmi u tlieta u ħamsin milleżmi (€0.07,53) għal kull kWh;

(b) mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2021 ta' seba' ċenteżmi u tmienja u ħamsin milleżmi (€0.07,58) għal kull kWh."

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem: "Ir-rata determinata li tkun is-sostitut tal-prezz tas-suq għas-sena 2022 għandha tkun ta' tmien ċenteżmi u ħamsa u tmenin milleżmi (€0.08,85) għal kull kWh.".